MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-9 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 127/1999/1

**Anthony Zammit**

**Vs**

**Mediterranean Oilfield Services Company Limited (Medserv Limited)**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi fit-23 ta' Gunju, 1997 waqt li l-attur kien qed jahdem b'inkarigu tas-socjeta' konvenuta f'Manoel Island, f'operazzjoni ta' taghbija ta' pipes tal-hadid, hu korra serjament f'saqajh ix-xellugija u sofra dizabilita'

permanenti kif jirrizulta mill-anness certifikat mediku markat Dok “AZ1”.

Premess illi l-konvenuti nomine kienu responsabbli ghal korriment li sofra l-attur u ghad-danni kollha konsegwenzjali peress li dan gara minhabba t-tort u jew negligenza u jew nuqqas ta’ osservanza tal-prekawzjonijiet mehtiega da parti tal-istess konvenuti nomine.

Premess illi l-konvenuti nomine gew interpellati biex jersqu ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-attur izda baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjarahom responsabbli ghal korriment u ghad-dizabilita’ permanenti u ghad-danni kollha konsegwenzjali li sofra l-attur fit-23 ta’ Gunju, 1997.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi.

3. Tikkundanna lil konvenuti nomine jhallsu lill-attur id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri bonarji tat-3 ta’ Marzu, 1998, tat-12 ta’ Ottubru, 1998 u tal-ittra ufficjali tas-16 ta’ Frar, 1998.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta** a fol. 11 tal-process fejn eccepiet:

Illi s-socjeta’ eccipjenti bl-ebda mod ma hi responsabbli ghall-incident u ghad-danni reklamati mill-attur. Jekk talvolta kien hemm htija da parti ta’ terzi dan ma jistax, hlief fis-sens tal-ligi, jigi addebitat lis-socjeta’ eccipjenti;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-guramenet;

Rat id-digriet a fol. 14 u 15;

Rat ir-relazzjonijiet a fol.  36 u 63;

Rat in-noti tal-partijiet;

**PROVI**

L-attur xehed li kien jahdem bhala tradesman mal-konvenuti u parti mix-xoghol tieghu kien li jhott it-taghbija ta' materjal ta' Oilrigs li kienu jigu fil-Medserv base. Dakinhar ta’ l-incident gie mqabbad mill-imghallem tieghu Charles Mifsud biex ihott pipes tal-hadid twal cirka 45 pied b'diametru ta' 18 il-pulzier minn fuq lanca "Brodospas Victor" . Mifsud ordna wkoll lil Luciano Grima, driver ta’ trakkijiet, biex jaghmel l-istess xoghol mieghu. Huma t-tnejn ipprotestaw verbalment ma Mifsud kontra dina l-ordni billi Grima qatt ma kien hadem f'dan it-tip ta’ xoghol specjalizzat izda Mifsud insista fuq l-ordni tieghu. Mifsud kien spjegalu  li baghat lil Grima billi kien tah il-leave lin-nies.  Huma ghamlu xi tlett sighat jahdmu fuq il-vapur u ghal habta tas-1.00p.m. ra lizata pipes gejja minn fuq il-lanca b'sahhitha ghal fuq Grima. Dan tbaxxa biex donnu jevitaha u ma jigiex miknus minn fuq it-trailer, il-lizata baqghet gejja fid-direzzjoni tieghu u pprova jaqbad maghha, irnexxilu jaqbad b'id wahda izda wara ftit idu cediet u waqa’ gholi ta' sular u wegga.  Hu ma setghax jevita l-lizata ghax kien bejn il-kabina u l-pipijiet u qabad mal-pipe ghax kieku kienet tghasru. Meta Mifsud u ohrajn gew biex jaghtuh l-ghajnuna hu qal lil lMifsud: "Qieghed tara xi grali" u li dan l-incident "kien tort tieghek". Ghal dina r-rimarka Mifsud wiegbu  "Ghandek ragun".

Luciano Grima ikkonferma dak li qal Zammit. Hu kien ilu xi sena jahdem mal-konvenuti bhala driver ta' trakkijiet bi special licence. Dak in-nhar ta’ l-incident gie ordnat biex jaghmel xoghol ta’ hatt ta’ pipes u kien ipprotesta

verbalment ma Mifsud li dan ma kienx xogholu u li qatt ma kien ghamel dan il-kwalita’ ta' xoghol u Mifsud kien jaf b'dan. Izda Mifsud baqa’ jinsisti fuq l-ordni tieghu. Hu kien ghamel xoghol simili qabel izda mill-art u mhux fuq it-trailer. Fl-okkazzjonijiet l-ohra hu kien bit-trailer biss jiehu hsieb li jitghabbew. Imbaghad fis-1.00 p.m. gara l-incident li semma Zammit. Hu kien ra l-lizata gejja b'sahhita lejh izda dak il-hin beza u tbaxxa biex ma toqltux u din baqghet sejra dritt fuq Zammit u dana korra serjament.

Charles Mifsud xehed li dan in-nhar hu qassam lill-haddiema skond il-programm ta' xoghol tal-gurnata. Hu cahad li Zammit u Grima kienu pprotestaw mieghu. Imbaghad meta gie kontra ezamiat qal li ma jiftakarx. Dwar Grima qal li dan kien isuq trailers kif ukoll ighin fit-taghbija u hadt tal-merkanzija bhad drivers l-ohra. Anke c-chargehands jghinu fil-lizati. Din kienet policy tal-kumpanija, u dan kien xoghol magguri taghhom. Grima ma kienx biss driver imma kien irid jahdem bhal haddiema l-ohra skond l-esigenzi tal-kumpanija. Hu kien hadem diversi drabi qabel fit-tqandil ta' lizati minn fuq/ghall-vapuri. Spicca biex qal li  ma kienx qal lil Zammit ebda kliem bhal ma semma  fix-xhieda tieghu.

Charles Camilleri, chargehand, xehed li dak in-nhar kien fuq il-lanca u ra l-incident isir. Grima ma kienx zamm il-pajpijiet, dawn gew fuq Zammit, u dan kien ser jispicca isfel, izda qabad mal-pajpijiet imma zelaq u waqa’ ma l-art. Il-pipe trid tilqghu b'idejk, tiddrittah u imbaghad jitqieghed. Grima gieli hadem fuq dana ix-xoghol pero' ma jafx x'tahrig kien inghata. Huma ma jiehdu ebda kors biex jaghmlu dan ix-xoghol, jiehduh bl-esperjenza. Grima kien jghin ukoll. Ma kienx l-ewwel pipe li kienu qed jimmanuvraw dak in-nhar. Huma jilbsu affarijiet tas-safety izda m’hemmx safety officers. Dan in-nhar Zammit u Grima kienu libsin l-affarijiet kollha tas-safety.

John Stagno - crane driver, spjega kif gara l-incident. Qal li Grima gieli hadem hemm qabel pero’ ftit.

Godwin Catania xehed li Grima kien dahal maghhom bhala casual labourer. Ix-xoghol li kien qed jaghmel dak

in-nhar ta’ l-incident kien fid-doveri tieghu. Hu pprezenta records fejn hemm lista ta' vapuri li hadem fuqhom Grima minn Ottubru 1996 sal-gurnata ta' l-incident fit- 23 ta' Gunju, 1997

**KONTESTAZZJONI**

Il-konvenuti qed jissottomettu li l-attur ma ppruvax l-allegazzjoni tieghu li huma naqsu fl-ingaggjar ta’ l-impjegati li kienu assenjati fuq dan ix-xoghol u li l-incident gara minhabba nuqqas ta’ hila da parti ta’ Grima li jaghmel ix-xoghol li qabbduh jaghmel (Culpa in eligendo art. 1037 Kap 16). Huma jsostnu li Grima kien ilu jaghmel xoghol simili ghal Medserv ghall-ahhar tmien xhur qabel l-incident. Inoltre s-socjeta’ konvenuta tissottometti ukoll li hija ma naqsitx milli taghmel kontrolli biex tissorvelja x-xoghol u tevita’ l-incident. Ma jirrizulta minn imkien, skond il-konvenuti, li kien hemm bzonn ta’ xi tahrig specjali jew li x-xoghol li Grima gie mqabbad biex jaghmel, kien xi wiehed specjalizzat.

Minn naha l-ohra l-attur isostni li x-xoghol li hu kien qed jaghmel kien wiehed specjalizzat u li kienet l-ewwel darba li Grima kien qed jaghmel dak ix-xoghol. Kemm l-attur kif ukoll Grima kienu pprotestaw dwar dana ma’ Mifsud. Inoltre s-sistema li kienet qed tuza l-kumpanija konvenuta biex ihottu l-pajpijiet kienet wahda perikoluza minnha nfisha.

**Tikkunsidra**

**Culpa in eligendo**

Kemm l-attur kif ukoll Luciano Grima xehdu li meta Grima, li kien driver ta’ trakkijiet, gie mqabbad minn Mifsud biex jahdem ma l-attur biex ihott il-pipijiet, huma kienu pprotestaw ma’ Mifsud billi dak ma kienx xoghol Grima. Izda Mifsud insista fuq l-ordni li kien tah. Mifsud cahad li kienu pprotestaw mieghu, izda meta gie kontroezaminat qal li ma jiftakarx fuq din il-haga partikolari ghaliex kienu jipprotestaw hafna. Izda l-attur u Grima jiftakru li kienu pprotestaw.

Mifsud jaccetta li xoghol Grima kien ta’ driver izda meta kien jkun hemm bzonn meta ma jkunx hemm nies, kulhadd kien jghin, anke c-chargehand u hu stess kien jghin.

Fil-kawza “Chetcuti vs Mizzi”, deciza mill-Prim Awla fl-20 ta’ Gunju, 2002, gie osservat li min ihaddem m’ghandux iqabbad lill-haddiema tieghu jaghmlu xoghol li mhux soltu jaghmlu u li ghalih ma kellhomx tahrig.

Il-metodu ta’ xoghol uzat mill-konvenuti juri li ma kienitx prattika ta’ xoghol serja cjoe meta principal minflok jimpjega nies u harrighom fix-xoghol ta’ hatt u taghbija, li jista’ jkun, kif effettivament f’dan il-kaz kien, ta’ perikolu, iqabbad minflok drivers biex jaghmlu dan ix-xoghol, u mhux tradesman, kif kien l-attur.

Grima stess jammetti li hu ma kellu ebda esperjenza f’din il-kwalita’ ta’ xoghol u li qatt qabel ma kien ghamel dan ix-xoghol. Il-konvenuti ressqu xi provi li Grima qabel dika l-okkazzjoni kien hadem fuq dana x-xoghol (ara dok A a fol. 82) izda kif spjega Grima hu kien ghamel xoghol simili qabel izda mill-art u mhux fuq it-trailer. F’dawk l-okkazzjonijiet l-ohra hu kien bit-trailer biss jiehu hsieb li jghabbu. Ix-xhieda l-ohra prodotti mill-konvenuti biex jghidu li Grima gieli hadem qabel fuq dan l-istess xoghol ma kienux certi u lanqas precizi b’mod li jikkonvincu lill dina l-Qorti li verament Grima kellu esperjenza f’din il-kwalita ta’ xoghol. Grima stess isostni li ma kellux esperjenza.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-attur irnexxilu jipprova li l-konvenuti kienu gieghlu lill-attur jahdem ma persuna ohra li kien driver u li ma kellux esperjenza fit-tip ta’ xoghol li gie assenjat jaghmel.

**Post ta’ xoghol hieles minn sogri ghas-sahha**

L-attur qed jissottometti li l-incident gara wkoll b’tort u minhabba negligenza da parti tal-konvenuti u nuqqas ta’ osservanza ta’ prekawzjonijiet mehtiega ghal harsien tas-

sahha tal-haddiema billi ma pprovdux “a safe system of work”.

Il-Ligi

**1031. K**ull persuna twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha.

**1032.** (1) Jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il- prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta’ missier tajjeb tal-famiija.
(2) Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta’ disposizzjoni espressa tal-ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta’ prudenza, ta’ diligenza jew ta’ hsieb fi grad akbar.

**1033.** Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun ird, jew b’nuqqas ta’ diligenza, ta’ prudenza jew ta’ hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi, hu obbligat ghal hlas tal-hsara li tigri minhabba f’hekk.

**1045.** (1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta’ qabel, hija t-telf effettiv li l- eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l- ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it- telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta’ qligh li tbati ’l quddiem minhabba inkapacità ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta’ jgib.

(2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacità tigi stabbilita mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b’mod partikolari, ix-xorta u grad ta’ inkapacità ikkaggunata, u l- kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

Fil-kawza “Calleja vs Fino” deciza mill P.A. fl-10 ta’ Ottubru, 1980, gie kwotat b’approvazzjoni li:

*“It is the employer’s duty to provide a safe system of work. Any injury to which the employee has not contributed would be the sole responsibility of the employer. The fact that the system adopted had been in use for years without*

*incident, is not proof that the system is safe: the accident in question justifies this*."

Fil-kawza "Borg vs Wells et" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Settembru, 1981, kompla jizdied li:

*"In planning a system of work the employer must take into account the fact that workmen become careless about risks involved in their daily work*."

Fil-kawza "Grech vs Ellul", deciza mill- P.A. fis-27 ta' Gunju, 1996, intqal:

*"It is the duty of every employer to take all reasonable care for his employee's safety in all circumstances at their place of work*."

Jigi relevat li a termini tal-Att biex jippromwovi s-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol - Att Numru VII ta' l-1994, Kap 367, fl-artikolu 3 (2) tal-istess jinghad li:-

*"Illi huwa dmir ta' min ihaddem lil xi persuna ohra li jizgura li l-post fejn isir ix-xoghol ikun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha u minn perikli li jistghu jigu evitati ghall-inkolumita' fizika u psikologika tal-haddiema".*

***Art.3 (3)*** *"Huwa dmir ukoll ta' min ihaddem li jizgura illi kull process ta' xoghol imqabbad minnu jkun hieles minn kull sogru bla bzonn ghas-sahha u minn kull perikolu li jista' jigi evitat ghall-inkolumita' fizika u psikologika tal-haddiema mpjegati minnu u ta' haddiema impjegati minn xi persuna li lilha jkun qabbad xi xoghol, sew jekk tkun persuna li timpjega lilha nifisha, kuntrattur jew sub-kuntrattur".*

Mill-provi prodotti jirrizulta li s-sistema ta' xoghol adoperat mis-socjeta' konvenuta kienet wahda perikoluza billi l-haddiema riedu jilqghu b'idejhom stess pipes tal-hadid twal cirka 45 pied u b'diametru ta' 18 il-pulzier u dana meta kienu bil-wieqfa fuq trailer li kien qieghed fuq il-moll.

Fil-kawza *"Grech vs Farrugia*" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' Dicembru, 1994, intqal li:

*"Il-makkinarju ghandu jkun imhares b'mod illi ma jirrekax hsara lil min qed jahdem fuqu, jew qed jadoperah anke meta dan ma jkunx qed jahdem fuqu, jew juza dak il-makkinarju minghajr dik l-attenzjoni u prudenza li wiehed jistenna bhala normalita' u dan biex jahgmel tajjeb ghal dik l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u ghaqal li jsofri haddiem industrijali, propju ghaliex dik l-aljenazjoni tkun, fil-maggoranza tal-kazijiet, indotta mill-istess natura tal-attivita' industrijali*."

Fil-kaz in ezami s-sistema ta' xoghol adoperat mis-socjeta' konvenuta kien wiehed perikoluz. Grima li kien qed jahdem ma l-attur ma kellux esperjenza f'dak ix-xoghol. Il-konvenuti qed jissottomettu li l-incident ma garax mill-ewwel imma meta l-attur u Grima kien ilhom jahdmu fuq dak ix-xoghol, izda hu proprju meta haddiem jahdem fit-tul li juri kemm hu ta' esperjenza jew le ghax imbaghad fejn tidhol l-ghejja u n-nuqqas ta' attenzjoni jkun f'dak il-mument li tradesman juri l- sengha tieghu, li persuna bla esperjenza ma jkolliex.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-incident gara tort tal-konvenuti ghaz-zewg ragunijiet fuq imsemmija.

**Rapport espert psikjatra**

Il-Qorti kienet innominat lil Dr. J. Sptieri bhala espert psikjatra u wara li dana ezamina lill-attur ikkonkluda li kien qed ibati minn Reactive Depression li hija relatata direttament mal-kaz imsemmi fl-incident tat 23 ta' Gunju, 1997. Dan il-fatt gie stabbilit minhabba c-cirkostanzi illi qabel din id-data l-attur qatt ma kien ibati minn effetti ta' dipressjoni skond kif inhu rrakkontat lilu kif ukoll ma hemm l-ebda storja fil-familja tieghu ta' min ibati mid-depression (fol. 46 u 47).

Il-konvenuti jikkontendu li la fic-citazzjoni, la fl-affidavit u lanqas matul is-smigh tax-xhieda ma saret l-icken riferenza ghal xi kundizzjoni psikologika li kien qed isofri

minnha l-attur konsegwenza ta' dana l-infortunju. Dr. Spiteri mexa fuq il-versjoni moghtija lilu mill-attur minghajr gurament u kienet intiza biex l-espert jasal ghall certi konkluzzjonijiet. Ghalhekk il-konkluzzjoni ta' dana l-espert ma tistax tkun attendibbli. L-attur ma ressaq ebda xhieda jew provi ohra dwar l-allegata depressjoni wisq anqas dwar ir-rabta kawzali bejn il-korriment u l-istess allegata dipressjoni.

L-attur wiegeb li l-espert wasal ghal konkluzzjoni tieghu wara diversi laqghat mieghu, kif ukoll wara li dan ezamina diversi certifikati maghmula minn psikjatri ohra.

Illi l-Qorti wara li ezaminat ir-rapport ta' dana l-espert, tasal biex taqbel mal-konvenuti li l-Qorti m'ghandiex toqghod fuq ir-rapport ta' Dr. Spiteri. L-espert sema biss dak li qallu l-attur dwar x'qed ihoss; ghamel referenza ghal dak li qalet il-mara ta' l-attur, li ma gietx prodotta bhala xhud; u rrefera ghal rapporti ta' esperti psikjatri ohra, li la xehdu u lanqas esebew ir-rapporti taghhom. Inotre il-fatt li qabel l-attur ma kienx qed ibati minn sintomi simili ma jfissirx li dak li ghandu issa hu rizultat u kkawzat direttament mill-incident.

**Espert ortopediku**

L-attur kien ipprezenta mac-citazzjoni certifikat ta' Mr. Charles Grixiti li kien sab li l-attur kellu *permanent residual disability* ta' 15%.

L-espert ortopediku nominat minn dina l-Qorti Mr. Anthony Bernard sab li l-attur qed isofri minn dizabilita permanenti ta' 10% kawza ta' dina l-incident (fol 65).

Dwar ir-rapport tal-espert Mr. Anthony Bernard, il-konvenuti wkoll jikkritikaw il-konkluzzjoni tieghu billi jghidu li l-ilmenti li l-attur ghamel ghand Mr. Bernard huma inattendibbili. Ghalhekk isostnu li l-persentagg ta' dizabilita' permanenti stabbilit minn Mr. Bernard ghandu jigi ridimensjonat.

L-attur jissottometti li huwa qatt ma jpprova jizvija lil hadd.

Dwar dana r-rapport il-Qorti hi tal-fehma li ghandu jigi accettat kif inhu bil-konkluzzjonijiet tieghu. Mr. Bernard ghamel ezami fiziku u oggettiv ta' dak li lmenta minnu l-attur u rriskontra li effettivament l-attur ghandu ugiegh bl-ghaksa u fadallu dizabilita permanenti. Il-konvenuti setghu kieku riedu jeskutu lill espert jew qabbdu periti addizzjonali izda ma ghamlu xejn minn dana.

**Likwidazzjoni danni**

Godwin Catania xehed li lil Zammit kienu dahhlu fi Voluntary redundancies scheme ghalkemm ma kienx intitolat ghaliha. Kien ha Lm3,658 u Lm442 ghal leave. Taht il-polza ta' insurance kienu gabru Lm1,373 u riedu jaghtuhom lill-attur izda dana m'accettax. Mill-gurnata ta' l-incident sakemm dahal f'din l-iskema baqa' jircievi l-paga less injury benefits. Il-paga kien jircevieha in full - bejn salarju u sigurta' nazzjonali.

Skond id-dokument a fol. 107 Declaration of payment, l-attur irceva *Lm3,658.38 being full and final settlement of any outstanding claims I have with Medserv Ltd as a result of my position with the Company at the time of my resignation on Friday, 28 August, 1998.* Irceva wkoll Lm442.88 ghal annual leave.

Il-konvenuti ghalhekk isostnu li l-attur mhu intitolat ghal xejn aktar billi thallas kollox.

Jirrizulta pero' li l-attur irceva dawn l-ammonti wara li kien hareg taht l-iskema tal- *voluntary redundancies.* Din is-somma inghatat bhala gratuity u ma kellha x'taqsam xejn mad-danni li sofra l-attur minhabba dana l-incident. Din is-somma haduha haddiema ohra li kienu fl-iskema, nonostante li ma kienux korrew. Minn naha l-ohra meta l-attur gie offrut somma bhala danni rizultanti mill-korriment u dana taht polza ta' assikurazzjoni, hu ma accettahiex (fol. 109 u xhieda Godwin Catania fol. 111).

**Damnum emergens**

Dwar dawn it-tip ta' danni l-attur ma ressaq ebda prova ta' xi tip ta' spejjez li nefaq b'rizultat dirett ta' l-incident. Dwar sahra u allowances ma ngabet ebda prova u lanqas kwantifikazzjoni ta' l-ammonti pretizi.

**Lucrum Cessans**

L-attur xehed li wara l-incident hu ghamel gimgha l-isptar ghal kura. Bhala rizultat ta' dan l-incident hu kellu ksur fiz-zewg ghakiesi u ksur fil-qasba ta' rigliegh ix-xellugija. Ghamel tmien gimghat bil-gibs. Fid-data tal-korriment l-attur kellu 52 sena.

Bhala dizabilita l-espert Mr. Bernard tah lill-attur 10%

Mill P3's ara fol. 22-26 jirrizulta dak li l-attur kien jaqla bejn il-1994 u 1998; Il-Qorti ser timxi fuq paga ta' Lm75 fil-gimgha meta tiehu in konsiderazzjoni l-gholi tal-hajja u zidiet li kienu jircievi l-attur.

Fin-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet ma hemmx qbil dwar x'multiplier l-Qorti ghandha ssegwi.

Fis-sentenza Mary Bugeja noe vs George Agius noe App 26/7/91 il-Qorti rrikonnoxxiet illi ghalkemm is-sistema stabbilita f'Butler vs Heard hija dika l-aktar addatta, sakemm tinsab sistema ohra ta' komputazzjoni aktar gusta, pero' dan ma jfissirx illi "il-Qorti ghandha jew tista' tikkonsidra ruhha marbuta rigorozament ma' applikazzjoni tas-sistema msemmija li jorbtilha idejha li dejjem u f'kull kaz ghandha tapplika multiplier li f'certi cirkostanzi evidentement ikun iwassal ghall-likwidazzjoni irreali jekk mhux addirittura ngusti. Fil-fehma konsidrata taghha, sistema, tkun liema tkun, hija tajba purche' thalli f'idejn il-gudikant dak il-margni ta' diskrezzjoni li hu jhoss li konformament ma' l-aspetti partikolari ta' kull kaz hu necessarju sabiex issir gustizzja."

Il-multiplier ghandu jigi aggustat b'tali mod li jirrifletti r-realta odjerna, u aspettativa iktar ekwa u konformi mal-gustizzja effettiva, tenut kont dejjem tac-cirkostanzi kollha tal-kaz in partikolari inkluz ic-changes and chances tal-

hajja, b'dan li l-Qorti ma tkunx marbuta ma xi massimu prestabbilit.

Fil-kaz in ezami l-attur kellu 52 meta gara l-incident u kien jilhaq jahdem sa 61, mhux necessarjament ma l-istess kumpanija, ghalhekk il-multiplier ghandu jkun ta' 9 snin.

Dwar tnaqqis minhabba lump sum payment - il-persentagg ta' 20% ghandu jigi ridott b'rata ta' 2% kull sena mid-data ta' l-incident (ara sentenzi Caruana vs Camilleri PA JSP 5/10/93 u PA Desira vs Cassar 13/1/95). L-incident gara fil-1997 u s-sentenza (fil-Prim' Awla) ser tinghata wara 7 snin.

Kalkolu: 9 x Lm75x52 x 10% Disability Less 6% Lump Sum Payment.
**Lm3,300**

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi

Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghal korriment u ghad-dizabilita' permanenti u ghad-danni kollha konsegwenzjali li sofra l-attur fit-23 ta' Gunju 1997.

Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' tlett elef u tlett mitt lira maltin (Lm3,300).

Tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-attur id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-imghax mid-data tas-sentenza sa l-eventwali pagament;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------